**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI**

**IMHALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 17 ta' Jannar 2023**

**Rikors Nru. 180/2022 GM**

**Carmen Paris K.I. 663655M fil-vesti tagħha ta' mandatarja speċjali tal-assenti Frank Aquilina (Passaport Awstraljan bin-numru M8275221) u Michael Aquilina (Passaport Awstraljan bin-numru PA2387144)**

**vs**

**Yvonne Aqulina K.I. 583578M**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors tal-konvenuta ppreżentat fl-24 ta' Novembru 2022 li permezz tiegħu talbet li din il-Qorti tiddeċiedi t-tieni eċċezzjoni tagħha ċjoe`dik li permezz tagħha teċċepixxi n-nuqqas t'interess ġuridiku tal-atturi.

Rat ir-risposta tal-atturi tal-14 ta' Diċembru 2022 li permezz tagħha jsostnu li impliċitament il-Qorti diġa` ipprovdiet dwar din it-talba fis-sentenza tagħha tat-13 ta' Ottubru 2022 dwar l-eċċezzjonijiet tal-preskrizzjoni; u illi huma leġittimi

kontraditturi billi tal-inqas huma leġittimarji tal-wirt ta' missierhom u għalhekk kredituri tal-wirt tiegħu.

Ikkunsidrat:

Il-Qorti mkien ma qalet fis-sentenza tagħha li kienet qiegħdha tipprovdi dwar l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' interess ġuridiku. Lanqas setgħet tagħmel hekk billi l-kawża kienet ġiet differita għall-eċċezzjonijiet dwar il-preskrizzjoni biss. Huwa minnu li fi provvediment preċedenti kienet ikkummentat li loġikament it-tieni eċċezzjoni kellha tkun l-ewwel eċċezzjoni u talbet kjarifika mill-atturi dwar il-leġittimazzjoni attiva tagħhom iżda mbagħad il-kawża xorta waħda baqgħet differita għas-sentenza dwar l-ewwel eċċezzjoni.

Għal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' *in parte* t-talba tal-konvenuta billi tordna li l-partijiet jittrattaw it-tieni eċċezzjoni.

Moqri bil-miftuħ waqt l-udjenza tal-lum.

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA